

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Raizers (Pariġi)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni “RAISE” – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 11 508 967

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Mejju 2017 fil-Każ R 1606/2016-5

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiddikjara invalida t-trade mark tal-Unjoni Ewropea RAISE Nru 11 508 967 minħabba l-assenza ta' karattru distintiv fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tas-servizzi segwenti tal-klassi 36: “Affarijiet finanzjarji; informazzjoni finanzjarja; ġestjoni finanzjarja; servizzi ta' finanzjament; analiżi finanzjarja; ġenerazzjoni jew investiment ta' kapital; konsultazzjoni fil-qasam finanzjarju; sponsorizzazzjoni finanzjarja; self (finanzjament); stimi finanzjarji (assigurazzjonijiet, banek, proprjetà immobbli); ġenerazzjoni u investiment ta' fondi; trasferiment ta' krediti; ħruġ ta' bonds; kwotazzjonijiet fil-Borża; sensarja fil-Borża; affarijiet monetarji; tranżazzjonijiet ta' kambju; stimi u perizji fiskali; servizzi ta' tfaddil; bank dirett; ħruġ ta' ċekkijiet tal-ivjaġġar jew ta' karti ta' kreditu; affarijiet immobiljari; stimi immobiljari”;
- tikkundanna lill-kumpannija Raizers, li ressqet il-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, sabiex tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll tal-kumpannija Raise Capital, inklużi l-ispejjeż marbuta mar-rappreżentanza.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2017 – Wilhelm Sihn jr. vs EUIPO – in-edit (Camele'on)

(Kawża T-472/17)

(2017/C 330/15)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Wilhelm Sihn jr. GmbH & Co. KG (Niefern-Öschelbronn, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Twelmeier, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: in-edit Sàrl (Mondorf-les-Bains, il-Lussemburgu)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-element verbali “Camele'on” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 317 714

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Mejju 2017 fil-Każ R 570/2016-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż rispettivi tagħha u dawk sostnuti minn Wilhelm Sihm jr. GmbH & Co. KG;
- tordna lil in-edit Sàrl tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha fil-każ ta' intervent.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2017 – Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u BUR

(Kawża T-482/17)

(2017/C 330/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Comercial Vascongada Recalde, S.A. (Madrid, Spanja) (rappreżentant: A. Rivas Rodríguez, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, tas-7 ta' Ġunju 2017 (SRB/EES/2017/08), dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entità Banco Popular Español S.A., u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1246, tas-7 ta' Ġunju 2017, li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni tal-Banco Popular Español S.A.;
- tikkundanna lill-konvenuti jikkumpensaw id-danni li jirriżultaw mit-telf fil-valur li sofrew l-azzjonijiet tal-Banco Popular Español S.A. miżmuma minn Comercial Vascongada Recalde, S.A., filwaqt li tieħu bħala riferiment għall-kumpens id-differenza bejn il-valur tal-azzjonijiet fis-6 ta' Ġunju 2017, jiġifieri, EUR 133 385,04, flimkien mal-interessi eventwali.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 18(1)(a) u 18(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Lulju 2014, li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istitutuzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010⁽¹⁾, sa fejn il-Banco Popular ma kienx qiegħed "[i]falli" kif deskritt fihom.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 10(10), 10(11) u 21(2)(b) tar-Regolament Nru 806/2014, sa fejn kien hemm mezzi alternattivi għar-riżoluzzjoni tal-Banco Popular.

⁽¹⁾ ĠU 2014 L 225, p. 1.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2017 – García Suárez et vs Il-Kummissjoni u BUR

(Kawża T-483/17)

(2017/C 330/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: María de la Soledad García Suárez (Madrid, Spanja), María del Carmen Chueca García (Madrid), Sol María Chueca García (Madrid), Alejandro María Chueca García (Madrid), José María Chueca García (Madrid) u Ignacio María Chueca García (Madrid) (rappreżentant: A. Rivas Rodríguez, avukat)